**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 566/2021 AGV :</u>**

**PF**

Vs

**JS**

Il-Qorti rat ir-rikors ta' PF , datat 19 ta' Novembru 2021 fejn espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:

1. Illi r-rikorrenti zzewweg lil intimat fil- 5 ta' Mejju 2013, fil-knisja ta' Sant' Anna, Marsascala liema zwieg gie rregistrat fir-registru Pubbliku, kif jirizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness, Dok. A ;
2. Illi minn daz-zwieg huma kellhom tifla wahda FF, li twieldet nhar is- 16 ta' Awwissu 2010, u li ghadha minorrenni ;
3. Illi r-rewiziti ghal-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante ;
4. i. Illi l-parijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt min-nutar Dr Josef Masini Vento, datat 6 ta' Dicembru tas-sena 2017, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B, filwaqt li ilhom de facto, seperati minn Gunju, tas-sena 2017;

   ii. Illi ma hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra li ilhom ghal dal-ahhar snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

   iii. Illi ma hemm ebda manteniment dovut lil intimata u lanqas fir-rigward tat-tifla .
5. Illi l-intimata kienet diga' skont il-kuntratt ta' separazzjoni irrevertiet lura ghal kunjomha xebba, ossija 'S' ;
6. Illi jigi rilevat li l-parijiet huma domiciljati f' Malta u ghandhom rir-residenza taghhom Malta.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil Onorabbli Qorti, joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenut tal-Artiklu 66 A et seq, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ccelebrat fil-5 ta' Mejju 2013 bejn il-partijiet;

ii. Tordna lir-registrur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi registat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Gimgha 14 ta' Jannar 2022, dehret l-intimata li mhux toggezzjona ghad-divorjzu.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**